

Brussell, 27 ta' Ottubru 2021  
(OR. en)

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2021/0278 (NLE)

---

---

12692/21  
COR 1

PECHE 358

#### **ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett:                   REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għall-2022 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/92 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd f'ilmijiet oħrajn

---

Fil-paġna 13, il-premessa 18:

Minflok:

“(18) Is-sena tas-sajd għall-merluzz tan-Norveġja fid-diviżjoni 3a tal-ICES u fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 2a tal-ICES u s-subżona 4 tal-ICES hija mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Ottubru. Sabiex ikun jista' jibda s-sajd fl-1 ta' Novembru 2021, u abbażi ta' parir xjentifiku ġdid u wara konsultazzjonijiet mar-Renju Unit, jeħtieġ li tiġi stabbilita TAC preliminari għall-merluzz tan-Norveġja fid-diviżjoni 3a tal-ICES u fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 2a tal-ICES u tas-subżona 4 tal-ICES għall-perijodu mill-1 ta' Novembru 2021 sal-31 ta' Diċembru 2021. Jenħtieġ li dak it-TAC preliminari tiġi stabbilita f'konformità mal-parir tal-ICES ippubblikat fit-8 ta' Ottubru 2021.”

aqra:

“(18) Is-sena tas-sajd għall-merluzz tan-Norveġja fid-diviżjoni 3a tal-ICES, fl-ilmijiet tar-Renju Unit tad-diviżjoni 2a tal-ICES u fl-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni tas-subżona 4 tal-ICES hija mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Ottubru. Sabiex ikun jista' jibda s-sajd fl-1 ta' Novembru 2021, u abbażi ta' parir xjentifiku ġdid u wara konsultazzjonijiet mar-Renju Unit, jeħtieġ li tiġi stabbilita TAC preliminari għall-merluzz tan-Norveġja fid-diviżjoni 3a tal-ICES, fl-ilmijiet tar-Renju Unit tad-diviżjoni 2a tal-ICES u fl-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni tas-subżona 4 tal-ICES għall-perijodu mill-1 ta' Novembru 2021 sal-31 ta' Diċembru 2021. Jenħtieġ li dak it-TAC preliminari tiġi stabbilita f'konformità mal-parir tal-ICES ippubblikat fit-8 ta' Ottubru 2021.”.